**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Novembru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Daryl Borg)**

**-vs-**

**George Farrugia detentur tal-Karta tal-Identit`' numru 554160M**

*Kumpilazzjoni Nru. 647/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George Farrugia u ċioè talli:

Nhar is-27 ta' Settembru, 2018, għall-ħabta tas-06:45 ta' filgħodu, ġewwa l-Ħamrun:

1. Ikkommetta serq ta' brazzuletta tad-deheb ikkwalifikat bil-vjolenza, u bil-ħin, għad-dannu ta' Alexandra Grech li hija persuna anzjana jew adult dipendenti.

2. Bla ordni skont il-Liġi, arresta, żamm jew issekwestra lil Alexandra Grech anzjana jew adult dipendenti kontra l- volontà tagħha , jew b'xi mod irrestringa jew ostakola l-moviment liberu u aċċess mhux ostakolat tagħha u dan b' użu tal-vjolenza, forza, tixħim, qerq, ingann, jew billi wera ħaġa b' oħra, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit-theddid.

Ukoll talli nhar is-07 ta' Ottubru, 2018, għall-ħabta tal- 17:15hrs ġewwa l- Belt Valletta:

3. Ikkommetta serq ta żewġt bagalji bil- kontenut tagħhom; liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li huwa iktar min €232.94 iżda inqas min € 2,329.37 għad-dannu ta' Ignazio Rotondo u/jew persuna/i oħra.

4. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħatji permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-11 t'Ottubru, 2018, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-fedina penali ferm voluminuza tieghu li rat il-bidu taghha fl-1975 u li fiha wiehed jigi rinfaccjat b'varjazzjoni wiesgha u mzewqa ta' reati mahsuba *inter alia* fil-Kodici Kriminali. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat kkowopera bi shih mal-Pulizija[1] kif ukoll tal-ammissjoni ferm bikrija tieghu ghalkemm kif inghad ricentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Anthony Pandolfino:**[2]

Fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri tal-5 ta' Lulju 2002, kien ritenut illi l-ammisjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Pero' fis-sentenza Il-Pulizija vs Emmanuel Testa (App Krim 17.07.2002) il-Qorti kienet iddeskreviet bhala "regoli generali" dawk li ghandhom jigwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni u taghmel referenza imbaghad ghal dak ritenut dwar regoli generali mfissra fis-sentenza preliminari Ir-Repubblika ta' Malta v Nicholas Azzopardi tal-24 ta' Frar, 1997;.....

Ma setax ma jigix kunsidrat il-fatt li l-ewwel zewg imputazzjonijiet jolqtu reati kommessi versu persuna anzjana jew adult dipendenti, reati li fi snin ricenti raw emendi legislattivi biex tissahhah il-protezzjoni ta' dawn il-persuni. Fil-fatt bl-**Att XXXI tal-2014** il-legislatur introduca qafas legislattiv li l-ghan tieghu kien li kondotta simili, li jisthoqqilha biss stmerija u ghajb, tigi sanzjonata permezz ta' pieni horox. Il-vulnerabbilita` sabet it-tarka tal-ligi sabiex dawk il-membri tas-socjeta` li huma l-aktar vulnerabbli, partikolarment l-anzjani, li haqqhom u jixirqilhom biss rispett u ghajnuna u mhux sfruttament; li jghixu minghajr thassib jew biza dwar l-inkoluminita` fizika tal-persuna taghhom jew tal-propjeta` li jkunu tul hajjithom hadmu, stinkaw ghaliha w li ghandhom kull dritt igawdu. F'dan il-kaz, il-piena massima erogabbli ghat-tieni akkuza wahedha u cioe` dik ravvizata bis-subartikolu (2) tal-artikolu 257E tal-Kodici Kriminali, hi dik bejn 4 u 9 (snin galadarba il-piena taht is-subartikolu (1) tista' tizdied sa tlett gradi).[3]

---

[1] Vide CD li fuqha giet registrata l-interrogazzjoni tal-imputat.

[2] Appell Nru. 126/2017. Deciz 4 t' Ottubru, 2018 per Onor. Imhallef Dr. Giovanni Grixti.

[3] Jew dik bejn 3 u 6 snin meta mizjuda b'zewg gradi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 257D(1)(c), 257E(1)(2), 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 267, 270, 275, 276A, 277(a), 279(a) u 289 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' 5 snin prigunerija.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin filwaqt li tissolecita lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin jikkunsidra jekk ghadhiex tezisti l-possibilita`, mqarr remotament, li l-hati jeghleb il-vizzju tad-droga, f'liema kaz jikkunsidra jekk hux opportun aktar il-quddiem li dan issehh anke permezz ta' programm ta' riabilitazzjoni.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**